MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2006

Numru. 893/2006

PULIZIJA
SPETTUR KEVIN BORG
VS
DARREN GRIMA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Darren Grima, ta' 26 sena, bin Carmelo u Carmen nee' Vella, imwieled Attard fis-6 ta' Novembru 1979, u residenti Madonna tal-Grazzja, Baskal Buhagiar Street, Mosta, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 531479(M), u akkuzat talli fil-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2005 u t-30 t'Ottubru 2005, f'dawn il-Gzejjer, iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u cioe' dokument ta' trasferiment ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAF

441, u dan bi ksur tal-Artikolu 167 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data u lok, xjentement ghamel uzu minn tali cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra hekk kif fuq imsemmija, u dan bi ksur tal-Artikolu 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data u lok, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe’ dokument ta’ trasferiment ta’ vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAF 441, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u dan bi ksur tal-Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data u lok, xjentement ghamlu uzu mill-istess att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, att, kitba jew skrittura falza hekk kif fuq imsemmija, u dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 4) u tal-imputat (a fol 7) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 6).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 167, 169, 183, 18 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-imputat taht ordni ta' 'probation' ghal perjodu ta' sentejn, taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer minnu nominat, a tenur tal-Artikolu 7 tal-Kap 446.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta' giovvanili tal-imputat; l-ammissjoni bikrija tal-imputat; u l-fedina penali tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------